# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 1**

**Appell Nru. 322/93**

**Il-Pulizija (Spettur Joseph Psaila)**

**vs**

**Carmelo sive Charles Ellul Sullivan, Andrew Camilleri, Saviour Grech, Michael Galea u Carmelo sive Charles Fenech**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Settembru, 1993, liema sentenza taqra kif gej:-

“Rat l-atti kompilati kontra l-imputati fuq imputazzjonijiet talli bejn:

Andrew Camilleri u Saviour Grech, bejn April 1983 u Ottubru 1983, b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda: (a) iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom bi hlas jew jiehu l-kunsinna ta’oggetti jew jigbor depositu jew rahan, minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew minn stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern; (b) xjentement ghamlu uzu minn dokumenti ffalsifikati imsemmija fl-akkuza (a) u dan bi ksur tal-artikolu 177 tal-Kodici Kriminali; (c) ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firmi billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligu foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhlu dawk il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawn l-attijiet jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli dikjarazzjonijiet jew fattijiet li dawk l-attijiet jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw; (d) xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-akkuza (c) u dan bi ksur tal-artikolu 192 tal-Kodici Kriminali; (e) sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal xi hadd iehor, f’dokumenti mahsuba ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz; (f) b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi inqdew b’qerq iehor, ingann jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji ghamlu qliegh ta’ madwar Lm203,303.35,0 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta; (g) importaw f’Malta oggetti minghajr licenzja moghtija mid-Direttur tal-Kummerc; (h) Andrew Camilleri, bhala Direttur ta’ Luqa Development Company Ltd., u Saviour Grech fuq talba tal-Kontrollatur tad-Dwana jinsabu akkuzati separatament talli xjentement ma’ Carmelo sive Charles Ellul Sullivan bejn April u Ottubru 1983 b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, importaw jew gieghlu li jigi mportat ghalihom ghaxar (10) containers; UFCU 609686-2, UFCU 280360-6, UFCU 607407-7, UFCU 3805159-9, XTRU 831942-9, UFCU 280654-4, UFCU 377010-6, UFCU 624445-0, UFCU 611503-1 u UFCU 377074-4 b’oggetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni taghhom, jew direttament jew

indirettament importaw jew gieghlu li jigi mportat ghalihom l-istess ghaxar (10) containers, jew iddikjaraw jew gieghlu li jiddikjaraw ghaxar (10) containers bhala li fihom oggetti ta' isem (gobon) li wara il-kunsinna taghhom instab li kien fihom oggetti ohra (xorb alkoholiku u milk chocolate wafer tal-marka Leo kif jidher fil-lista annessa) ta' valur globali ta' Lm89,592.80,7, dazju Lm203,303.35,0 u aktar talli fl-istess perjodu hawnhekk imsemmi bl-ghajnuna tal-ufficjal tad-Dwana u cioe' Michael Galea u Carmelo sive Charles Fenech, xjentement kellhom b'xi mod jaqsmu filli bil-qerq jinharab jew jigi li jinharab id-dazju tal-importazzjoni, kif ukoll importaw jew gieghel li jigi mportat ghalihom, u iddisponew mill-istess xorb alkoholiku u milk chocolate wafer tal-marka Leo li id-dazju fuqhom ma giex imhallas jew kawtelat u li l-importazzjoni taghhom hija restritta bi ksur tal-artikolu 61 (a) (b) (e) (f) (g) (h) (i) (k) u (m) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap.60 tal-Edizzjoni riveduta; Michael Galea u Carmelo sive Charles Fenech jinsabu akkuzati talli bejn April 1983 u Ottubru 1983, f'dawn il-gzejjer, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghal xi haddiehor, f'xi dokument mahsuba ghall xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;
2. bhala ufficjali jew impjegati pubbliki illi minhabba il-kariga jew impjieg taghhom kienu fi dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;
3. l-imsemmija Michael Galea u Carmelo sive Charles Fenech jinsabu wkoll akkuzati b'komplicita' fid-delitti maghmula minn Carmelo sive Charles Ellul Sullivan, Andrew Camilleri u Saviour Grech;
4. talli id-delitti saru minnhom bhala ufficjali jew impjegati pubblici li kellhom jissorveljaw sabiex jaraw li dawk id-delitti ma' jsirux jew li minhabba l-kariga taghhom huma kellhom id-dmir li jimpedixxu dawk id-delitti u dan kif provdut fl-artiklu 139 tal-Kodici Kriminali;
5. Michael Galea u Carmelo sive Charles Fenech, fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana jinsabu akkuzati separatament talli bejn April u Ottubru 1983 b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda flimkien ma' Andrew Camilleri, Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Saviour Grech, xjentement bil-qerq, iddikjaraw li ezaminaw u irrilaxxaw containers bhal li kien fihom oggetti ta' isem li imbaghad wara l-

kunsinna instab li kien fihom oggetti ta' isem iehor suggetti ghad-dazju u talli xjentament kellhom b' xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq jinharab jew jigi attentat li jinharab id-dazju tal-importazzjoni jew xi ligijiet jew restrizzjonijiet ta' importazzjoni fuq ghaxar (10) containers UFCU 609686-2, UFCU 280360-6, UFCU 60740577, UFCU 380519-9, XTRU 831942-9, UFCU 280654-4, UFCU 377010-6, UFCU 624545-0, UFCU 611503-1 u UFCU 377074-4, iddikjarati bhala li kien fihom gobon u li wara instab li kien fihom xorb alkoholiku u milk chocolate wafers tal-marka Leo, kif jidher mil-lista annessa, ta' valur globali Lm89,592.80,7 dazju Lm203,303.35,0 bi ksur tal-Art.61 (a) (b) (h) (i) (k) (m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 60 tal-Edizzjoni Riveduta.

Carmelo sive Charles Ellul Sullivan jinsab akkuzat b'komplicita' f' delitti maghmula minn Andrew Camilleri, Saviour Grech, Michael Galea u Carmelo sive Charles Fenech; u fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, akkuzat talli xjentement flimkien ma' Andrew Camilleri u Saviour Grech bejn April u Ottubru 1983, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda importa jew gieghel li jigi impurtati ghalih ghaxar (10) containers: UFCU 609686-2, UFCU 280360-6, UFCU 607407-7, UFCU 380519-9, XTRU 831942-9, UFCU 280654-4, UFCU 377010-6, UFCU 624445-0, UFCU 611503-1 u UFCU 377074-4 b'oggetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni taghhom, jew direttament jew indirettament importa jew gieghel li jigu mportati ghalih, l-istess ghaxar (10) containers jew iddikjara jew gieghel li jiddikjara ghaxar containers li fihom oggetti ta' isem (gobon) li wara l-kunsinna taghhom instab li kien fihom oggetti ohra (xorb alkoholiku u milk chocolate wafers tal-marka Leo, kif jidher fil-lista annessa) ta' valur globali Lm89,592.80,7 dazju Lm203,303.35,0 u aktar talli fl-istess perjodu hawn fuq imsemmi bl-ghajnuna ta' ufficjali tad-Dwana u cioe Michael Galea u Carmelo sive Charles Fenech, xjentament kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab jew jigi attentat li jinharab id-dazju tal-importazzjoni, kif wkoll importa jew gieghel li jigu mportati ghalih u iddispona mill-istess xorb alkoholiku u milk chocolate wafers tal-marka Leo li d-dazju fuqhom ma' giex imhallas jew kawtelat u li l-importazzjoni taghhom hija restritta bi ksur tal-Art. 18 u l-Art. 61 (a) (b) (e) (f) (g) (h) (i) (k) (m) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 60 tal-Edizzjoni Riveduta.

Fl-ahharnett il-Qorti giet mitluba wkoll illi skond dak li hemm fl-artiklu 61 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap.60 tal-Edizzjoni Riveduta, terz mill-piena ta' flus moghtija fil-konfront ta' Carmelo

sive Charles Ellul Sullivan, Andrew Camilleri, Saviour Grech, Michael Galea u Carmelo sive Charles Fenech titqies bhala dejn Civili.

Rat in-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali tar-Repubblika li biha baghat lura l-atti tal-Kumpilazzjoni fuq indikati sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputati din il-Qorti tiddeciedi fuq il-htija li tista tinstab kontra l-istess imputati kif gej:-

Kontra Carmelo sive Charles Ellul Sullivan:

a) fl-artikoli 42 (a) (b) (c) (d) (e), 167 (1), 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap.249;
b) fl-artikoli 42 (a) (b) (c) (d) (e), 169, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap.249;
c) fl-artikoli 42 (a) (b) (c) (d), 183, 18, u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap.249;
d) fl-artikolu 42 (a) (b) (c) (d) (e), 184, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap. 249;
e) fl-artikoli 42 (a) (b) (c) (d) (e), 188, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap. 249;
f) fl-artikoli 42 (a) (b) (c) (d) (e) u 308, 310 (1) (a) 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap. 249;
g) fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 117 u ir-regolamenti 3, 4, 12 tal-Avviz Legali 48 tal-1969 u fl-artikolu 42 (a) (b) (c) (d) (e), 18 u 53 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 13 tal-Kap. 249;
h) fl-artikoli 18, 62 (a) (b) (e) (f) (g) (h) (i) (k) u (m) tal-Kapitolu 37 u fl-artikoli 42 (a) (b) (c) (d) (e), 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249;
i) fl-artikoli 18, 62 (a) (b) (e) (f) (g) (h) (i) (k) (m) tal-Kapitolu 37 u fl-artikoli 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap. 249;

Kontra Andrew Camilleri u Saviour Grech:-

a) fl-artikolu 167 (1), 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal- Kap. 249;
b) fl-artikoli 169, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap.249;
c) fl-artikoli 183. 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap.249;
d) fl-artikoli 184, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap. 249;
e) fl-artikoli 188, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap. 249;

f) fl-artikoli 308, 310 (1) (a), 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap 249;
g) fl-artikolu 3 tal-Kap. 117 u regolamenti 3, 4, 12 tal-Avviz Legali 48/1969 u fl-artikolu 13 tal-Kap. 249;
h) fl-artikoli 18, 62, (a) (b) (d) (f) (g) (h) (i) (k) u (m) tal-Kapitolu 37 u fl-artikolu 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 13 tal-Kap. 249;

Kontra Michael Galea u Carmelo sive Charles Fenech:

a) fl-artikolu 188, 141, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) fl-artikoli 185, 141, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali;
c) fl-artikoli 18, 62 (a) (b) (h) (i) (k) (m) tal-Kap. 37 u fl-artikoli 141, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali;
d) fl-artikoli 42 (b) (c) (d) (e), 167 (1), 18, 141, u 533 tal-Kodici Kriminali;
e) fl-artikoli 42 (b) (c) (d) (e), 169, 18, 141 u 533 tal-Kodici Kriminali;
f) fl-artikolu 42 (b) (c) (d) (e), 183, 18, 141 u 533 tal-Kodici Kriminali;
g) fl-artikoli 42 (b) (c) (d) (e), 184, 18, 141 u 533 tal-Kodici Kriminali;
h) fl-artikoli 42 (b) (c) (d) (e), 188, 18, 141 u 533 tal- Kodici Kriminali;
i) fl-artikoli 42 (b) (c) (d) (e), 308, 310, 1(a), 18, 141 u 533 tal-Kodici Kriminali;
j) fl-artikolu 3 tal-Kap. 117 u regolamenti 3, 4, 12 tal-Avviz Legali 48/1968 u fl-artikoli 42 (b) (c) (d) (e), 18, 141 u 533 tal- Kodici Kriminali;
k) fl-artikoli 18, 62 (a) (b) (d) (f) (g) (h) (i) (k) (m) tal-Kapitolu 37 u fl-artikolu 42 (b) (c) (d) (e), 141, 18 u 533 tal- Kodici Kriminali;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Awissu 1992 minn fejn jirrizulta illi l-imputati kollha iddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi ttrattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputati kollha minn jeddhom bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-imputati u dik tal-ufficjal prosekutur;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 1993

Ikkunsidrat,

Mill-provi prodotti jirrizulta li fl-ahhar xhur tas-sena 1983, il-pulizija u d-Dipartiment tad-Dwana bdew jinvestigaw dwar il-possibilita' li kwantita' mhux hazin ta' xorb alkoholiku u ta' cikkulata kienu ddahhlu Malta illegalment. Jidher li dak iz-zmien kien hawn ghal-bejgh fis-suq lokali kwantita ta' fliexken tax-xorb alkoholiku li kien qed jigi offert bi prezz baxx hafna, oltre li kienet qed tigi offerta ghal bejgh cikkulata ta' barra li l-importazzjoni taghha dak iz-zmien kienet projbita';

Dawn l-investigazzjonijiet wasslu ghas-suspett illi zewg importaturi Maltin u cioe' Saviour Grech u s-socjeta' Luqa Development Company Ltd., setghu kienu nvoluti fl-importazzjoni illegali tal-imsemmija oggetti;

In effetti jirrizulta illi l-imputat Saviour Grech u l-imputat Andrew Camilleri ghan-nom u bhala direttur tas-socjeta' Luqa Development Company Ltd., matul l-1983 importaw gewwa Malta diversi containers u ghar-rigward tal-istess containers id-dokumenti relattivi kienu jindikaw li dawn kienu jikkontjenu gobon.

IL-prosekuzzjoni qed tallega illi in effett dawn il-containers ma kienux jikkontjenu gobon izda fliexken tax-xorb alkoholiku u cikkulata. Il-prosekuzzjoni qed tallega in oltre illi Saviour Grech u Andrew Camilleri fil-fatt importaw dawn l-oggetti gewwa Malta ghal-imputat Carmelo sive Charles Ellul Sullivan li wkoll jirrizulta li hu wiehed mid-diretturi tas-socjeta' li kienet tirraprezenta il-marka tac-cikkulata li allegatament iddahhlet hawn Malta illegalment. IL-prosekuzzjoni qed tallega wkoll illi l-imputati l-ohra Michael Galea u Charles Fenech bhala ufficjali tad-Dwana ghenu jew b'xi mod kienu komplici f'dina l-importazzjoni illegali.

Jirrizulta illi saru wkoll investigazzjonijiet dwar dawn il-fatti barra minn Malta u in partikolari l-Olanda u l-Belgju. IL-prosekuzzjoni esebiet ukoll certi dokumenti (u hawnhekk qed issir referenza specjali ghad-Dok. XY1 sa XY67 a fol.214) dwar il-containers in kwistjoni u l-kontenut taghhom. Minn ezami ta' dawn id-dokumenti jirrizulta illi jista' jkun illi xi containers bin-numru bhal dak ta' xi whud mil-containers in kwistjoni kien jikkontjenu cikkulata u fliexken tax-xorb alkoholiku.

Ghandu jinghad pero' illi hafna minn dawn id-dokumenti huma fotokopja minghajr ma gew awtentikati b'xi mod.

In oltre dawn id-dokumenti ma gewx ikkonfermati u ma saret ebda prova sabiex id-dokumenti kollha jigu awtentikati. Ma saret ebda prova fis-sens li dawn id-dokumenti kien fil-fatt jirreferu ghal-containers li ngiebu Malta miz-zewg importaturi f'Malta. Dawn id-dokumenti ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala prova.

L-uniku rapport li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova bejn l-imputat Ellul Sullivan u l-imputati Grech u Camilleri kien negozju li bih Grech u Camilleri importaw kwantita' ta' gobon ghal-Ellul Sullivan.

Dak kollu li jirrizulta fil-konfront tal-imputati Galea u Fenech hu li kien z-zewg fizzjali tad-Dwana li ffirmaw u rrilaxxaw il-containers in kwistjoni.

Il-prosekuzzjoni talbet u otteniet li jinstemghu xhieda residenti barra minn Malta permezz ta' procedura tar-rogatorji u dan ghar-rigward ta' diversi xhieda residenti l-Olanda, il-Germanja u l-Belgju. Dawn il-proceduri pero' qatt ma gew konkjuzi u ghalhekk b'digriet tal-20 ta' Marzu 1992 din il-Qorti irrevokat "contrario imperio" l-ordni sabiex jinstabu ix-xhieda barranin bl-imsemmija procedura.

In vista ta' dan kollu il-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova l-allegazzjonijiet taghha kontra l-imputati, u dan nonostante illi l-prosekuzzjoni nghatat kull opportunita' sabiex iggib dawn il-provi.

Fid-dawl tal-premess l-imputati ghandhom jigu ritenuti mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha.

Ghal dawn il-motivi;

Issib lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom u minnhom qed jigu liberati".

Minn dik is-sentenza appella l-Avukat Generali permezz ta' rikors ta' l-appellipprezentat fil-5 ta' Ottubru, 1993, li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza minnu appellata u minflok issib lill-imputati appellati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tghaddi biex taghti l-piena preskritta mil-ligi.

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fis-sottomissjonijiet li gejjin:-

Illi l-ewwel Qorti bbazat il-konkluzzjoni taghha biss fuq li d-dokumenti mibghuta lill-prosekuzzjoni mill-Interpol ta' Rotterdam, l-Olanda u dik ta' Brussels, il-Belgium, u cioe' dokumenti XYZ1 u XYZ67 ma gewx awtentikati quddiem il-Qorti u dana stante li kien skada t-terminu ta' sitt xhur moghti mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et" deciza fit-2 ta' Marzu, 1992 sabiex issir il-prova permezz ta' ittri rogatorji.

L-Avukat Generali ghalhekk jissottometti li l-ewwel Qorti ghalhekk naqset li tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Huwa veru li ma saritx il-prova ta' l-awtenticita' ta' dawn id-dokumenti, izda meta wiehed jiehu c-cirkostanzi kollha tal-kaz, wiehed inevitabbilment jasal ghall-konkluzzjoni li l-imputati huma hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom. Id-dokumenti, jekk mhux bhala prova, jservu bhala prova cirkostanzjali.

L-Avukat General jaghmel ukoll referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti in re "Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil" deciza fis-6 ta' Mejju, 1961. Dan huwa kaz fejn il-kumpless tac-cirkostanzi li jikkostitwixxu l-isfond ta' dan il-kaz jirrendu l-kaz wiehed minn dawk li ghalihom jistghu japplikaw il-

kliem, mhux dejjem applikabbli f'kazijiet ohra, li hemm fis-sentenza "R. vs Taylor" 21 CRIM App. R 21 cioe' "Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which, by undersigned coincidences is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics".

Kien ghalhekk li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, f'dik l-istess sentenza citata, qalet: "Il-prova indizjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".

Fl-ahhar nett imbaghad l-Avukat General jipprospetta illi fil-kaz prezenti hemm precizjoni matematika li ma thalli l-ebda dubju li l-istess *containers* li thallew l-Olanda u l-Belgium mghobbijin b'xorb alkoholiku u/jew cikkulata huma dawk l-istess *containers* li f'Malta gew dikjarati li jikkonsistu f'gobon.

Din il-Qorti ma tifhimx, qabel xejn, kif l-appellant jippretendi li hija ma tinjorax anzi tiehu konjizzjoni ta' prova dokumentarja daqstant importanti li ma gietx awtentikata, u tqisha l-istess bhallikieku giet awtentikata. Dawn mhux permissibbli ghal din il-Qorti u l-Avukat Generali jidher li jifhem ukoll li ma jistghux isiru billi effettivament imbaghad dawwar id-direzzjoni ta' l-appell tieghu fuq li ghandha tinstab, fi kwalunkwe kaz, htija fuq bazi ta' provi cirkostanzjali.

Pero', bir-rispett kollu lejn l-Avukat Generali, dawn il-provi cirkostanzjali, ma jezistux.  La rathom l-ewwel Qorti u lanqas tarahom din il-Qorti.  Il-provi, fis-semplicita' taghhom,  huma dawk li huma u forsi kien ikun hemm fuq x'hiex wiehed jibni kieku d-dokumenti li jissemmew gew debitament awtentikati.  Ghalhekk il-bazi ta' l-appell ta' l-Avukat Generali ma hi asolutament bl-ebda mod sostnuta.

Jigi osservat effettivament illi fil-mori ta' dan l-appell, u precizament fid-19 ta' Novembru, 1993, l-appellant Saviour Grech kien eccepixxa inoltre l-preskrizzjoni maturata qabel ma bdew il-proceduri.  In realta' din il-Qorti kienet tidhol f'din il-kwistjoni, pero', stante li fi kwalunkwe kaz se jkun hemm il-konferma tas-sentenza appellata, li hija wahda liberatorja, m'huwiex il-kaz li toqghod tinhela fuq dan il-punt.

Ghall-precizjoni jinghad, pero', illi  meta din il-Qorti ezaminat l-atti processwali, ma ratx li hemm provi bizzejjed biex tkun tista' tasal ghall-konkluzzjoni jekk kienetx fondata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jew le, u ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, ghall-korrettezza, tiddikjara li fi kwalunkwe kaz din l-istess eccezzjoni qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi l-appell ta' l-Avukat Generali  qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Dep/Reg

mm